

DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1683

tat-28 ta' Settembru 2022

dwar l-ekwivalenza tal-qafas regolatorju għall-kontropartijiet ċentrali fil-Kolombja għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-proċedura għar-rikoxximent ta' kontropartijiet ċentrali (central counterparties, "CCPs") stabbiliti f'pajjiżi terzi, stipulata fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, għandha l-għan li tippermetti lis-CCPs stabbiliti u awtorizzati f'pajjiżi terzi li għandhom standards regolatorji ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament, li jipprovd u servizzi ta' kklirjar lill-membri tal-ikklirjar jew li-ċ-ċentri tan-negożjar stabbiliti fl-Unjoni. Għalhekk, din il-proċedura ta' rikonoxximent u d-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza previsti fiha jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jitnaqqas ir-riskju sistemiku billi jiġi estiż l-użu ta' CCPs sikuri u sodi biex jikklerjaw il-kuntratti tad-derivattivi barra l-borża ("OTC"), inkluż fejn dawk is-CCPs ikunu stabbiliti u awtorizzati f'pajjiż terz.
- (2) Sabiex reġim legali ta' pajjiż terz jitqies bħala ekwivalenti għar-reġim legali tal-Unjoni fir-rigward ta' CCPs, jenħtieġ li l-eżitu sostantiv tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli jkun ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Unjoni rigward l-objettivi regolatorji li jiksbu. L-ġhan ta' tali valutazzjoni tal-ekwivalenza huwa għalhekk li jiġi vverifikat jekk l-arranġamenti legali u superviżorji tal-pajjiż terz ikkonċernat jiżgurawx li s-CCPs stabbiliti u awtorizzati f'dak il-pajjiż terz ma jesponux lill-membri tal-ikklirjar u li-ċ-ċentri tan-negożjar stabbiliti fl-Unjoni għal livell oħla ta' riskju milli dawn tal-aħħar jistgħu jkunu esposti għaliex mis-CCPs awtorizzati fl-Unjoni u, konsegwentement, ma joħolqux livelli inaċċettabbi ta' riskju sistemiku fl-Unjoni. Jenħtieġ li r-riskji ferm aktar baxxi inerenti f'aktivitajiet ta' kklirjar imwetta fis-swieq finanzjarji li huma iżgħar mis-suq finanzjarju tal-Unjoni jiġu kkunsidrati b'mod partikolari.
- (3) Jenħtieġ li l-valutazzjoni ta' jekk l-arranġamenti legali u superviżorji tal-Kolombja humiex ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni ma tkunx ibbażata biss fuq analiżi komparattiva tar-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għas-CCPs fil-Kolombja, iżda wkoll fuq valutazzjoni tal-eżitu ta' dawk ir-rekwiżiti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-adegwatezza ta' dawk ir-rekwiżiti biex ittaffu r-riskji li l-membri ta' kklirjar u li-ċ-ċentri ta' negożjar stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jkunu esposti għaliex, meta jitqies id-daqqs tas-suq finanzjarju li fih joperaw is-CCPs fil-Kolombja. Rekwiżiti ta' mitigazzjoni tar-riskju aktar stretti huma neċċesarji għas-CCPs li jeżerċitaw l-aktivitajiet tagħhom fi swieq finanzjarji ikbar li għandhom livell ta' riskju inerenti oħla, minn dawk ta' CCPs li jeżerċitaw l-aktivitajiet tagħhom fi swieq finanzjarji iż-żejjur li għandhom livell ta' riskju inerenti iktar baxx.
- (4) L-Artikolu 25(6), il-punti (a), (b), (c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, iridu jintlaħqu tliet kundizzjonijiet biex jiġi determinat li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz rigward is-CCPs awtorizzati hemmhekk huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (5) Skont l-Artikolu 25(6), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, is-CCPs awtorizzati f'pajjiż terz iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati fit-Titolu IV ta' dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

- (6) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbi għas-CCPs awtorizzati fil-Kolombja huma stabbiliti fil-Liġi Nru 964 tal-2005 li tirregola l-ikklerjar u s-saldu ta' strumenti finanzjarji ("ir-regoli primarji") kif ukoll fir-regoli ġenerali stabbiliti fid-Digriet 2555 tal-2010 fil-Ktieb 13 tal-Parti 2 u fċiċ-ċirkulari maħruġa mis-Supreintendencia Financiera ("SFC") ("ir-regoli sekondarji"). Dawk ir-regoli flimkien jistabbilixxu l-standards u r-rekwiżiti li s-CCPs awtorizzati fil-Kolombja jridu jikkonformaw magħħom fuq bażi kontinwa.
- (7) Ir-regoli primarji jistabbilixxu, fost l-oħrajn, regoli dwar l-arranġamenti ta' governanza, l-azzjonisti u l-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti, il-fond tal-inadempjenza u s-saldu, u jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li r-regoli operattivi jridu jikkonformaw magħħom is-CCPs. Barra minn hekk, skont iċ-Ċirkolari Básica Jurídica - CE 29 tal-2014, is-CCPs awtorizzati jridu jaapplikaw u jimplimentaw l-standards internazzjonali rilevanti dwar is-sistemi tal-ikklerjar u tas-saldu, b'mod partikolari l-Prinċipji għall-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji ("PFMIs") maħruġa mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu u l-Kumitat Tekniku tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titol (7).
- (8) Biex tkun awtorizzata fil-Kolombja, CCP trid tissottometti lis-SFC ir-regoli operattivi tagħha, kif ukoll studju dwar l-adegwatezza ta' kull waħda mis-sistemi li timmaniġġja. Ir-regoli operattivi ta' CCP iridu jipprovu dettall preskrittiv dwar il-mod li bih is-CCP għandha tissodisa l-standards u r-rekwiżiti ta' livell għoli stabbiliti fir-regoli primarji kif ukoll fil-PFMIs. Ir-regoli operattivi għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar rekwiżiti ta' parteċipazzjoni, sistemi ta' komunikazzjoni, it-tip ta' strumenti finanzjarji li jistgħu jiġi kklerjati, proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju, proċeduri għal saldu fwaqtu, kollateral li għandu jiġi pprovdu mill-parteċipanti, miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' ksur mill-parteċipanti tal-obblighi tagħħom, organizzazzjoni u operazzjoni tal-auditjar, kumitati tar-riskju u kontinwità operattiva. Ladarba r-regoli operattivi jiġu approvati mill-SFC, din tal-aħħar tivaluta l-kapaċċità tas-CCP li tibda l-operazzjonijiet, f'termini ta' faċilitajiet, riżorsi professionali u teknoloġiċi, proċeduri u kontrolli. Ladarba s-CCP tkun għiet awtorizzata, ir-regoli operattivi tagħha jsiru legalment vinkolanti fuqha. Kwalunkwe emenda għar-regoli operattivi għandha tīgħi approvata mis-SFC.
- (9) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbi għas-CCPs awtorizzati fil-Kolombja għalhekk jikkonsistu fi struttura fuq żewġ saffi. L-ewwel livell jikkonsisti fil-Liġi nru 964 tal-2005, kif ukoll ir-regoli ġenerali u ċ-ċirkulari maħruġa mis-SFC, li flimkien jistabbilixxu l-standards u r-rekwiżiti ta' livell għoli, inklużi l-PFMIs, li s-CCPs awtorizzati għandhom jikkonformaw magħħom u dettalji preskruttivi dwar il-mod li bih is-CCP għandha tissodisa dawk l-standards u r-rekwiżiti ta' livell għoli. It-tieni livell jikkonsisti fir-regoli ta' operazzjoni tas-CCPs.
- (10) Is-suq finanzjarju tal-Kolombja huwa ferm iżgħar minn dak li fih huma attivi s-CCPs stabbiliti fl-Unjoni. Tul l-aħħar tliet (3) snin, il-valur totali tat-tranżazzjonijiet derivattivi kklerjati fil-Kolombja irrappreżenta inqas minn 1 % tal-valur totali tat-tranżazzjonijiet ikklerjati fl-Unjoni. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tas-CCPs awtorizzati fil-Kolombja tesponi lill-membri tal-ikklerjar u li-ċ-ċentri tan-negożjar stabbiliti fl-Unjoni għal riskji ferm iktar baxxi mill-parteċipazzjoni tagħħom f'CCPs awtorizzati fl-Unjoni. Ir-regoli primarji u sekondarji applikabbi għas-CCPs awtorizzati fil-Kolombja, ikkumplimentati mir-regoli u l-proċeduri interni tagħħom, li jirrikjedu konformità mal-PFMIs, jimmītigaw b'mod adegwat il-livell aktar baxx ta' riskju li l-membri tal-ikklerjar u ċ-ċentri tan-negożjar stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jkunu esposti għalih u għalhekk jistgħu jitqiesu li jiksbu eżitu ta' mitigazzjoni tar-riskju ekwivalenti għal dak segwit mir-Regolament (UE) Nru 648/2012.
- (11) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-arranġamenti legali u superviżorji tal-Kolombja jiżguraw li s-CCPs awtorizzati fil-Kolombja jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati fit-Titol IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.
- (12) L-Artikolu 25(6), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jeħtieġ li l-arranġamenti legali u superviżorji fir-rigward ta' CCPs awtorizzati f'pajjiż terz iridu jipprevedu wkoll superviżjoni u infurzar effettivi tas-CCPs fuq bażi kontinwa.
- (13) Skont l-Artikolu 6 tal-Liġi Nru 964 tal-2005, l-SFC għandha s-setgħa li tissorvelja l-operazzjonijiet tas-CCPs fil-Kolombja u li timmonitorja dawk is-CCPs biex tiżgura l-konformità fuq bażi kontinwa mar-regoli primarji u mar-regoli u l-proċeduri interni tas-CCPs. L-SFC għandha sett komprensiv ta' setgħat biex tikkontrolla u tippenalizza CCP awtorizzata, inkluż, fost l-oħrajn, is-setgħa li titlob informazzjoni u data, twettaq spezzjonijiet fuq il-post u mhux fuq il-post u titlob CCP awtorizzata biex tagħmel korrezzjonijiet, toħroġ ordnijiet u struzzonijiet. Skont l-Artikolu 53 tal-Liġi Nru 964 tal-2005, l-SFC tista' timponi twissijiet, multi, sospensiuni jew skwalifika tal-manjgers maħtura ta' CCP awtorizzata. Tista' wkoll tissospendi l-operazzjonijiet ta' CCP jew tirtira l-awtorizzazzjoni

(7) Il-Kumitat dwar il-Pagamenti u l-Infrastrutturi tas-Suq, Dokument Nru 101 tas-16 ta' April 2012.

ta' CCP f'każ ta' ksur ta' rekwiżit legali obbligatorju. Barra minn hekk, is-CCPs għandhom jagħmlu awtovalutazzjoni tal-konformità tagħhom mal-PFMIs mill-inqas kull tiet snin u jippreżentaw rapport li jiġi ppubblikat u rieżaminat perjodikament mill-SFC skont il-pjan ta' superviżjoni tagħha.

- (14) Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-arranġamenti legali u superviżorji fir-rigward ta' CCPs awtorizzati fil-Kolombja jipprovd u għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.
- (15) Skont l-Artikolu 25(6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-qafas legali ta' pajjiż terz huwa li jipprovd iġħali sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs awtorizzati taħt reġimi legali ta' pajjiżi terzi ('CCPs ta' pajjiżi terzi').
- (16) Fil-Kolombja, skont iċ-Ċirkolari Esterna Nru 019 tal-2022, "CCP ekwivalenti ta' pajjiż terz" huwa CCP li jopera f-ġurisdizzjoni fejn l-SFC tosserva l-osservanza materjali tal-PFMIs, huwa suġġett għal superviżjoni effettiva u li miegħu jeżisti ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-kontrollur ta' pajjiż terz u l-SFC. CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-SFC huma elenkti f'rekord pubbliku li jiġi vvalutat sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-PFMIs. Skont iċ-Ċirkolari Esterna Nru 019 tal-2022, l-iskoperturi tal-banek Kolombjani għal CCPs ekwivalenti ta' pajjiżi terzi jibbenfikaw minn trattament kapitali preferenzjali, filwaqt li skoperturi għal CCPs ta' pajjiżi terzi li mhumiex meqjusa ekwivalenti huma soġġetti għal piż tar-riskju punittiv. Fil-prattika, tali piż tar-riskju għoli għal CCPs ta' pajjiżi terzi mhux ekwivalenti huwa projbittiv u fit-ħafna, jekk ikun hemm, mill-banek tal-Kolombja jistgħu jkunu mistennja jikklerjaw f'CCPs ta' pajjiżi terzi mhux ekwivalenti. Barra minn hekk, jekk il-banek tal-Kolombja jiddeċiedu xorta waħda li jikklerjaw f'CCP ta' pajjiż terz mhux ekwivalenti, il-piż tar-riskju għoli jimmilita kwalunkwe riskju relat luu mal-iskoperturi tiegħu. Fid-dawl tat-trattament kapitali applikabbi għal skoperturi għal CCPs mhux ekwivalenti skont iċ-Ċirkolari Esterna Nru 019 tal-2022, ir-reġim tal-Kolombja jista' jitqies li jipprovd sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi.
- (17) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-arranġamenti legali u superviżorji tal-Kolombja jipprevedu għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terz.
- (18) Il-Kummissjoni tqis li l-arranġamenti legali u superviżorji tal-Kolombja applikabbi għas-CCPs jissodis faw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Konsegwentement, jenħtieġ li dawk l-arranġamenti legali u superviżorji jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżi stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (19) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbi għal CCPs fil-Kolombja fiż-żmien tal-adozzjoni tagħha. Il-Kummissjoni, abbażi, fost l-oħrajn, tal-informazzjoni pprovduta mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) skont l-Artikolu 25(6b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, se tkompli timmonitorja fuq bażi regolari l-evoluzzjoni tal-qafas legali u superviżorju applikabbi għas-CCPs fil-Kolombja u l-issodis far-tal-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom tiġi adottata din id-Deċiżjoni.
- (20) Abbażi tas-sejbiet li jirriżultaw minn rieżami regolari jew spesifiku, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda, jew tkħassar din id-Deċiżjoni fi kwalunkwe ħin, b'mod partikolari meta l-iżviluppi jaffettaw il-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom tiġi adottata din id-Deċiżjoni.
- (21) Sabiex jiġi żgurat li l-ESMA tkun tista' tibda l-proċedura ta' rikonoxximent għas-CCPs awtorizzati fil-Kolombja mingħajr dewmien, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (22) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fkonformità mal-opinjoni tal-Kunitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Għall-finjiet tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali u superviżorji tar-Repubblika tal-Kolombja applikabbi għall-kontropartijiet ċentrali, li jikkonsistu fil-Liġi Nru 964 tal-2005 kif ikkomplementata mir-regoli u ċ-ċirkulari ġenerali maħruġa mis-Supreintendencia Financiera, għandhom jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-ġħada tal-jum tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN